MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1413/2003

**Maresco (Trading) Limited**

**vs**

**Adrian Bajada**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm410.00) rapprezentanti servizzi u merkanzija rezi u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta` attrici fuq ordni tal-istess konvenut, u dan kif jidher mill-fattura numru "005690", annessa mal-avviz bhala Dokument A.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunti ghas-subizzjoni.**

**L-ispejjez jinkludu dawk ta' l-ittra bonarja datata l-1 ta' April, 2003 u ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju, 2003.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Novembru, 2003 fejn intqal:**
**i. Illi in linea preliminari, t-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**ii. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tas-socjeta` attrici ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol imsemmi ma sarx skond is-sengha u l-arti, tant illi xi apparat kellu jinbidel, u l-installazzjoni li saret kellha tinqala' u ssir mill-gdid, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Iii. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-somma reklamata mis-socjeta` attrici hija in kwantu xogholijiet li kellhom jigu rezi u ezegwiti perfettament; pero` in vista tac-cirkostanzi u kif ukoll mill-kontro-talba annessa dan ma kienx il-kaz u ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha, u dan skond il-gurisprudenza prevalenti nostrana;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmenin lira Maltija (Lm580.00) rapprezentanti valur ta' kumpressur li kellu jinbidel minhabba x-xoghol difettuz li kienu wettqu l-impjegati tas-socjeta` Maresco Trading Limited, flimkien ma filtru u servizz ta' mili ta' gass u servizz ta' nstallazzjoni u riparazzjoni skond il-fattura annessa u mmarkata Dokument AB.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Novembru, 2003 fejn gie eccepit:**
**i. Preliminarjament illi l-kontro-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 u 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**ii. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jiehu**

**konjizzjoni tal-kontro-talba a tenur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**iii. Fil-meritu u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-merkanzija konsenjata hija difettuza izda hija idonea u tajba u s-servizzi rezi kienu dejjem ezegwiti minn nies professjonali u saru skond is-sengha u l-arti u kif del resto mitluba mill-istess Adrian Bajada;**
**iv. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat.**
**Bl-ispejjez kollha kontra l-istess Adrian Bajada.**

**Ra d-decizjoni preliminari moghtija fit-8 ta' Jannar, 2004, fejn giet michuda l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` attrici fir-risposta ghall-kontro-talba dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Galea, Simon Spiteri, Adrian Bajada, Karl Pace, Ivan Ghio u Alfred Bajada. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal servizzi ta' airconditioning skond l-invoice esebita bhala Dok.RG4. Dan kien jirrigwarda xoghol fuq shifting ta' zewg airconditioners u installazzjoni tal-kanen relattivi ghalihom. L-invoice hi datata 9 ta' Lulju, 2001.**
**2. Il-konvenut qed jecepixxi l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-preskrizzjoni bid-dekors ta' tmintax-il xahar. Fil-fatt jirrizulta li kien sar ix-shifting ta' l-airconditioner units fid-9 ta' Lulju.**
**3. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, it-Tribunal jirrileva illi wiehed irid jiddistingwi bejn dawk in-nies imsemmija fl-imsemmi artikolu li jezercitaw sengha jew arti mekkanika, u kumpanija li taghti servizz. L-Artikolu tal-preskrizzjoni**

**citat ma hux applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

**4. Jigi rilevat li saret kontro-talba mill-konvenut ghall-hlas ta' valur ta' kumpressur, filtru u servizzi ghall-installazzjoni tal-istess minhabba li thassar l-ewwel kumpressur.**

**5. Dwar il-kontro-talba l-attur eccepixxa li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 u 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**6. L-Artikolu 1431 jirrigwarda l-preskrizzjoni ghall-azzjoni redibitorja u stimatorja, li taghlaq wara xahar ghal dak li jirrigwarda hwejjeg mobbli. Il-kaz odjern ma jirrigwardax difett fil-haga konsenjata, u ghalhekk dan l-Artikolu ma hux applikabbli.**

**7. L-Artikolu 2153 jipprovdi li l-azzjoni ghall-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. F'dan il-kaz il-konvenut il-kontro-talba ma tirrigwardax hsarat mhux ikkagunati b'reat, izda tirrigwarda prezz ta' kumpressur biex jissostitwixxi iehor li kien thassar. Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tigi milqugha.**

**8. Bhala fatti jirrizulta li l-konvenut kellu restaurant fin-Naxxar. Huwa kien akkwista dan il-post minghand certu Mario Ellul li da parti tieghu kien akkwistah minghand certu Mark Micallef. Micallef kien jokkupa l-imsemmi restaurant xi hames snin qabel u kien hemm gja l-imsemmija airconditioning units installati. Meta dahal il-konvenut fil-fond jirrizulta li ghamel refurbishing, u kellem lil Micallef li ndikalu li kienet is-socjeta` attrici li originarjament installat l-airconditioning units. Il-konvenut ghalhekk ikkuntattja lis-socjeta` attrici sabiex iccaqlaqlu l-airconditioners kif ried hu.**

**9. Jirrizulta li x-xoghol ta' ducting u tressiq tal-imsemmija units sar fis-sena 2001. Gie konfermat minn Raymond Galea, Managing Director tas-socjeta` attrici, li meta marru, kienu caqalqu l-units ta' gewwa biss, u li l-"outdoor unit", cioe` il-kompressur qatt ma tmiss.**

**10. Il-bdil fil-posizzjoni tal-imsemmija units jirrizulta mill-isketches esebiti mill-konvenut bhala Dok.AB1, li jindika kif kien qabel, u Dok.AB2 li jindika kif gie.**

**11. Skond ma xehed il-konvenut, meta nies tas-socjeta` attrici marru biex jaghmlu x-xoghol rikjest, it-technicians kienu vverifikaw dwar il-gass tal-kumpressuri, minhabba li kienu bidlu xi kanen. Skond il-konvenut: "Waqt li Simon Spiteri kien qieghed jimla l-ewwel kumpressur bil-gass, ic-cilindru beda jiffrizalu, u sabiex ihaffef, huwa beda jsahhan ic-cilindru li kien fih il-freon gas bil-blow lamp." Il-konvenut innota li Spiteri irrimarka li l-apparat li bih ikejjel l-pressa ma kienx qed jahdem sew.**

**12. Fil-fatt l-ilment principali f'din il-kawza kien li l-kumpressur mar minhabba il-pressa zejda. Gie konstatat li taghli zieda fil-pressa li suppost hi ta' 4 bar u minflok kienet ta' 7 bar, setghet giet kkawzata sija mill-fatt li l-kumpressur ma kellux arja ticcirkola, kif ukoll mill-fatt li setgha kien hemm gass zejjed impoggi gol-kompressur.**

**13. Jirrizulta li dan il-kumpressur li gratlu l-hsara, kien ilu f'dak il-post, cioe f'bitha, parzjalment imsaqqfa b'corrugated plastic. Ma giex konstatat li ma kienx hemm cirkolazzjoni ta' arja. Gie konstatat minflok li l-kumpressur kien ilu jahdem sew ghal zmien.**

**14. Jirrizulta li kien biss tlett gimgha wara li marru t-technicians tas-socjeta` attrici li giet rilevata l-hsara fil-kumpressur billi ma baqax ikessah. Dana jindika bic-car li l-hsara kienet marbuta max-xoghol li ghamlu l-istess technicians, u jwassal lit-Tribunal ghall-konkluzjoni li dak in-nhar li dahhlulu l-gass, mar xi haga hazin, u fil-fatt dahal aktar gass milli suppost f'kumpressur minnhom. Dana jinsab konfermat minn Karl Pace u Ivan Ghio ta' Polar Services Ltd li fornew lill-konvenut b'kumpressur gdid. Pace irrileva li l-kumpressur kien "mechanically damaged", u li kienet l-pressjoni zejda li kkawzat l-hsara, pressjoni zejda li ma tirrizultax li saret minhabba fejn kien posizzjonat il-kumpressur, izda minhabba ix-xoghol li ghamlu fuqu it-technicians tas-socjeta` attrici.**

**15. Tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba attrici ma ghandiex tigi milqugha.**

**16. Dwar il-kontro-talba, jirrizulta li dak li qed jitlob il-konvenut huwa hlas ghall-kumpressur gdid, labour**

**li sar biex jigi installat, il-gass tieghu, u filtru ghall-istesss, apparti li kien hemm xi spejjez zghar meta in-nies ta' Polar Services Limited marru jivverifikaw il-gass li kien fih. Dawn il-kontijiet jirrisalu ghall-14 ta' Awissu, 2001, u 16 ta' Awissu, 2001.**

**17. Fir-rigward tal-kontro-talba, it-Tribunal jinnota illi l-konvenut kien xtara kumpressur li kien ahjar minn dak li kien hemm qabel. Dana kien kumpressur scroll minflok reciprocating. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li kumpressur reciprocating kien iqum bejn mitejn u ghoxrin lira (Lm220) u mitejn u hamsa u erbghin lira (Lm245), filwaqt li l-kumpressur li nxtara gdid kien jiswa wahdu tlett mija u hamsa u tletin lira (Lm335.00).**

**18. It-Tribunal huwa tal-fehma li se mai dak li ghandu jigi kumpensat il-konvenut huwa ghall-kumpressur tat-tip reciprocating u mhux ghal wiehed scroll. Pero` anke fir-rigward tal-kumpressur reciprocating it-Tribunal qed jiehu in kunsiderazzjoni li dan kien ilu gja hemm ghal hames snin, mentri issa kien qed jakkwista wiehed gdid. Ghalhekk anke, jekk wiehed iqies il-valur ta' kumpressur reciprocating bhala mitejn u hamsa u erbghin lira, wiehed irid necessarjament inaqqas dak li hu l-wear and tear tieghu. Ghalhekk arbitrio boni viri t-Tribunal qed jiffissa s-somma ta' mitt lira (Lm100.00) bhala kumpens fil-konfront tal-kumpressur li kellu jinbidel.**

**19. Ma dan l-ammont ta' mitt lira (Lm100.00), hemm ukoll l-hamsin lira (Lm50) labour u t-tmienja u sebghin lira (Lm78) ghall-gass u filter. Dawn b'kollox jaghmlu mitejn u tmienja u ghoxrin lira (Lm228) li meta wiehed izid il-VAT igib b'kollox mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm226.20). Fl-ahhar ma dan l-ammont irid jizdied l-ammont ta' disa' liri u ghoxrin centezmu (Lm9.20) sabiex giet verifikata l-pressjoni qabel ma inbidel. Ghalhekk it-total dovut mis-socjeta` attrici huwa ta' mitejn u wiehed u sebghin lira u erbghin centezmu (Lm271.40).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, qed jichad it-talba tas-socjeta' attrici peress illi x-xoghol ma sarx sew. Dwar il-kontro-talba t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` attrici li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 u 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' l-kontro-talba u jikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira u erbghin centezmu (Lm271.40).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, tat-talba u tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta` attrici u terz mill-konvenut, filwaqt li l-ispejjez dwar id-decizjoni preliminari tat-8 ta' Jannar, 2004, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------